# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' Sessjoni*

FINALI
**A6-0170/2006**

8.5.2006

# RAPPORT

Għal aktar konsolidazzjoni fl-industrija tas-servizzi finanzjarji
(2006/2081(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Joseph Muscat

PR_INI_art113

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

NOTA SPJEGATTIVA ...........................................................................................................10

PROĊEDURA ........................................................................................................................14

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**Għal aktar konsolidazzjoni fl-industrija tas-servizzi finanzjarji (2006/2081(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– – wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff tal-Kummissjoni tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar konsolidazzjoni transkonfinali fis-settur finanzjarju ta' l-UE (SEC(2005)1398),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2005 dwar l-investiment ġewwa l-UE fis-settur tas-servizzi finanzjarji[1]

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 1999 intitolata 'L-implimentazzjoni tal-qafas għas-swieq finanzjarji: pjan ta' azzjoni' (FSAP) (COM(1999)0232),

– wara li kkunsidra l-'White Paper' ta' l-1 ta' Diċembru 2005 dwar il-Politika tas-Servizzi Finanzjarji (COM(2005)0629),

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-sorveljanza supplimentari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, intrapriżi ta' l-assikurazzjoni u ditti ta' investiment f'konglomerat finanzjarju[2]

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 dwar struttura organizzattiva ġdida għall-kumitati dwar is-servizzi finanzjarji[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut għal kumpanija Ewropea (SE)[4],

– wara li kkunsidra d-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li fasslu mill-ġdid id-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar it-teħid u t-twettiq tan-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u d-Direttiva tal-Kunsill 93/6/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 dwar l-adegwatezza ta' kapital ta' kumpaniji ta' l-investiment u ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (COM(2004)0486),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2005 dwar l-istat attwali ta' integrazzjoni tas-swieq finanzjarji ta' l-UE[5]

---

[1] ĠU C 293, 25.11.2005, p.2.
[2] ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1.
[3] ĠU L 79, 24.3.2005, p. 9.
[4] ĠU L 294, 10.11.2001, p. 1.
[5] ĠU C 45 E, 23.2.2006, p. 140.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Novembru 2002 dwar regoli ta' superviżjoni prudenzjali fl-Unjoni Ewropea[1]

– wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0170/2006)

A. billi l-ekonomija ta' l-UE qiegħda tiffaċċja diversi sfidi fuq il-livell globali u domestiku, bħal kompetizzjoni qawwija, tkabbir letarġiku, popolazzjoni li qed tixjieħ u żieda fir-responsabbiltà tal-pensjoni,

B. billi l-għan ta' stabbilità u sigurtà ta' swieq finanzjarji għandu jkun daqs l-isforz biex jitnaqqsu l-ostakoli għal attivitajiet transkonfinali rigward attivitajiet finanjarji,

C. billi swieq u istituzzjonijiet finanzjarji b'saħħithom, stabbli u effiċjenti huma kruċjali sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' l-aġenti ekonomiċi varji ta' l-UE u sabiex jiżdiedu t-tkabbir u l-okkupazzjoni

D. billi settur tas-servizzi stabbli u kompetittiv jibbenefika minn fiduċja tal-konsumatur jekk ikun ibbażat fuq livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur,

E. billi l-konsolidazzjoni toħloq potenzjal għal ekonomiji ta' skala u ambitu, sinerġiji u effiċjenzi fl-infiq, u, jekk tingħaqad ma' integrazzjoni akbar tas-suq, tista' tinkoraġġixxi tkabbir u tiffavorixxi investiment billi tkattar il-likwidità u l-effiċjenza tas-swieq,

F. billi l-irwol ta' l-UE u ta' dawk li jifformulaw il-politika huwa li jwaqqfu qafas regolatorju u ta' sorveljanza li jistimola t-tkabbir; itejjeb il-kompetittività ta' l-ekonomija ta' l-UE; jiggarantixxi l-istess kundizzjonijiet; jissalvagwardja l-effiċjenza tas-suq, l-integrità, it-trasparenza u l-istabbilità tas-sistema finanzjarja; u jipproteġi lid-depożitaturi, lill-investituri u lill-persuni assigurati,

G. billi l-ħtiġijiet tal-konsumatur u d-diversità ta' l-għażla bejn prodotti ta' kwalità għandhom ikunu l-għan ewlieni ta' kull politika f'dan is-settur,

H. billi attenzjoni adegwata għandha tkun iffokata fuq l-opinjonijiet u l-benesseri tal-ħaddiema u tal-klijenti, li t-tnejn huma partijiet interessati importanti fl-istituzzjonijiet finanzjarji li għaddejjin minn Għaqdiet u Akkwisti (M&A),

I. billi prattiċi nazzjonali mingħajr ġustifikazzjoni u miżuri ta' protezzjoniżmu u diskriminatorji għandhom ikunu affrontati minħabba li jaqsmu s-suq f'biċċiet u jċaħħdu lill-konsumaturi mill-benefiċċji tal-konsolidazzjoni,

***Perspettivi ġenerali***

[1] ĠU C 25 E, 29.1.2004, p. 394.

1. Iqis li l-konsolidazzjoni fis-swieq finanzjarji hija tendenza importanti tas-suq, għalkemm mhux l-unika waħda, li tirrispondi għal kompetizzjoni li qed tikber fil-livell ta' l-UE u fil-livell globali;

2. Iqis li l-konsolidazzjoni fis-swieq finanzjarji m'għandux ikollha l-għan li tilħaq numru partikolari ta' istituzzjonijiet finanzjarji u li għandha tkun proporzjonali mal-kompetizzjoni fis-swieq finanzjarji;

3. Jinnota li l-M&A jibqa' l-aktar strateġija frekwenti ta' tkabbir ta' istituzzjonijiet finanzjarji; jinnota wkoll li, f'ekonomija moderna, l-effetti ta' konsolidazzjoni jistgħu jintlaħqu b'ħafna modi differenti, bħal permezz ta' alleanzi kummerċjali bejn istituzzjonijiet, esternalizzazzjoni jew internalizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' 'back-office', koperazzjoni ta' 'back-office' u l-ħolqien ta' infrastrutturi komuni mal-kompetituri (eż. sistemi ta' approvazzjoni ta' pagament u sistemi ta' saldu);

4. Jilqa' l-effetti pożittivi li l-euro u l-FSAP kellhom fuq l-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji bl-ingrossa, fuq it-trasparenza u l-likwidità tas-suq, u fuq l-immodernizzar u l-iffinalizzar tal-qafas regolatorju finanzjarju ta' l-UE minkejja li s'issa għadhom ma ġewx irrealizzati l-konsegwenzi kollha ta' munita unika għall-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji;

5. Jinnota li l-attività ta' l-M&A u ta' ristrutturazzjoni, li x'aktarx ikollha effett pożittiv fuq il-kompetittività, spiss tkun akkumpanjata b'perċezzjoni negattiva ta' biża ta' telf ta' impjiegi, li ġieli sseħħ, b'mod speċjali f'ċerti reġjuni;

6. Jinnota l-konsolidazzjoni intensiva permezz ta' M&A transkonfinali fl-Istati Membri l-ġodda fl-aħħar 10 snin; f'dan ir-rigward, ifakkar ukoll fl-importanza ta' sistemi finanzjarji sodi u stabbli għal ekonomiji żgħar;

7. Ifakkar li l-konsolidazzjoni m'għandiex tkun għan politiku fiha nnifisha, iżda għandha ġġib benefiċċji ċari għall-ekonomija billi tistimula t-tkabbir, tħeġġeġ l-innovazzjoni, tiżgura l-kompetizzjoni, ittejjeb l-aċċess għal għoti ta' fondi, tippermetti lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jisfruttaw sinerġiji u effiċjenzi fl-infiq, u tagħti lill-konsumaturi għażla akbar u kwalità aħjar, filwaqt li tiżgura livell adegwat ta' ħarsien għall-konsumatur;

8. Jitlob biex l-attenzjoni tkun iffokata fuq l-effetti tal-konsolidazzjoni fis-settur finanzjarju fuq l-impjieg, billi jiġu ristrutturati l-pussess u l-attivitajiet, u b'mod partikulari bl-esternalizzazzjoni; iħeġġeġ lis-settur biex jipprovdi għal miżuri ta' akkumpanjament li jwasslu għal taħriġ mill-ġdid u kwalifikazzjoni ta' l-istaff ta' istituzzjonijiet finanzjarji sabiex ikunu konformi ma' l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Liżbona ta' ekonomija msejsa b'mod aktar intensiv fuq l-għerf;

9. Jemmen li d-diversità ta' istituzzjonijiet finanzjarji, li tirrifletti aħjar il-varjetà tal-bżonnijiet finanzjarji ta' l- intrapriżi, ta' l-SMEs u tal-konsumaturi, għandha tkun ippreżervata u li għalhekk, il-leġiżlazzjoni tal-KE m'għandhiex tiffavorixxi kwalunkwe tip wieħed ta' mudell ta' negozju jew struttura korporattiva jew kwalunkwe tip wieħed ta' prodott fuq ieħor;

10. Iqis li l-arkitettura tas-servizzi finanzjari fil-livell ta' l-UE għandha tkun fil-qagħda li tiggarantixxi l-koeżistenza ta' strutturi u ta' daqsijiet differenti sabiex tagħti lok għal parteċipanti effiċjenti u kompetittivi kemm fil-livell internazzjonali kif ukoll fi ħdan netwerks lokali;

11. Jemmen illi d-diversità tal-prodotti finanzjarji għandha tkun assigurata sabiex jiġu ssodisfatti l-ħtiġijiet differenti u li dejjem jinbidlu tal-konsumaturi;

*Ostakli għall-konsolidazzjoni transkonfinali*

12. Jinnota li minħabba diversi ostakli, il-livell ta' konsolidazzjoni transkonfinali fis-settur finanzjarju, u b'mod partikulari fis-settur bankarju, huwa inqas mil-livell ta' konsolidazzjoni domestika fl-UE; jieħu nota tax-xkiel identifikat fl-istħarriġ tal-Kummissjoni;

13. Jirrimarka li, fis-suq intern, sinerġiji ekonomiċi u effiċjenzi fl-infiq li jirriżultaw minn konsolidazzjoni għandhom ikunu realizzabbli u m'għandhomx ikunu mxekkla minn ostakli mingħajr ġustifikazzjoni, bħal ostakli ta' taxxi u sistemi differenti ta' sorveljanza; jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiffaċċja dawn l-ostakli; jinnota d-diffikultajiet li qed iħabbtu wiċċhom magħhom istituzzjonijiet finanzjarji li lesti li jiksbu effiċjenzi fl-infiq u ekonomiji ta' skala u ambitu billi jbiegħu l-istess prodotti jew prodotti identiċi f'pajjiżi differenti u jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina aktar bir-reqqa dawn id-diffikultajiet;

14. Jirrimarka li l-parteċipanti fis-suq għandhom iqisu r-responsabiltà soċjali tagħhom waqt attività ta' l-M&A u ta' ristrutturazzjoni; jirrimarka wkoll li fil-proċess ta' globalizzazzjoni, l-uniku mod biex tirbaħ il-fiduċja taċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea huwa li ttejjeb l-ekonomija soċjali tas-suq b'impjiegi ġodda u aħjar;

15. Jirrikonoxxi l-irwol importanti tal-kontrolluri nazzjonali fit-twettiq ta' sorveljanza ta' prudenza u fis-salvagwardar ta' istituzzjonijiet u swieq finanzjarji nazzjonali sodi;

16. Jirrimarka li prattiċi nazzjonali diverġenti ta' sorveljanza u standards differenti jistgħu jnaqqsu l-effiċjenza tas-suq, iżidu l-ispejjeż ta' l-operat ta' dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji li joperaw bejn il-fruntieri, u b'hekk inaqqsu l-effett benefiku ta' u fl-aħħar jiffragmentaw is-suq finanzjarju waħdieni

17. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-istituzzjonijiet finanzjarji li qed ifittxu li jiżviluppaw l-istrateġiji tagħhom fil-livell ta' l-UE spiss ikollhom jiffaċċjaw prattiċi regolatorji u ta' sorveljanza li jqumu l-flus u li jieħdu ħafna ħin, kif ukoll rekwiżiti differenti ta' rappurtar;

18. Jemmen li aktar konverġenza ta' prattiki u ta' standards ta' sorveljanza tista' tnaqqas ftit mill-effetti negattivi ta' prattiki ta' sorveljanza diverġenti u ttejjeb l-effiċjenza tas-suq; jilqa' l-progress miksub mill-Kumitat tal-Kontrolluri Bankarji Ewropej u jinkoraġġixxi t-tkomplija tal-ħidma tiegħu;

19. Jilqa' l-progress miksub mill-kumitati tat-3 livell - il-Kumitat tal-Kontrolluri Bankarji Ewropej (CEBS), il-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tas-Sigurtajiet (CESR) u l-Kumitat tal-Kontrolluri Ewropej ta' l-Assikurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol (CEIOPS) - fil-kisba ta' aktar konverġenza rigward is-sorveljanza u jinkoraġġixxi t-tkomplija tal-ħidma tagħhom;

20. Jinnota li l-integrazzjoni fis-suq bl-ingrossa kważi tlestiet u, b'mod partikolari, li l-integrazzjoni fis-swieq tal-flus hija avvanzata ħafna, u li avviżi ta' żidiet u tnaqqis fir-rati ta' l-interess huma riflessi malajr u b'mod ċar fil-prezzijiet tas-suq;

21. Jiddispjaċih li ħafna ostakli ta' taxxa, b'mod partikolari l-VAT intergrupp u n-nuqqas tan-newtralità kif ukoll in-nuqqas ta' ċertezza legali fit-trattament tal-VAT fost is-servizzi finanzjarji, inaqqsu u ta' spiss jimpedixxu sinerġiji u effiċjenzi fl-infiq u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tifformula proposti li jegħlbu dawn l-ostakli;

22. Jinnota li bħalissa, spejjeż sostanzjali fuq VAT li ma jistgħux jiġu rkuprati flimkien ma' tariffi bejn il-kumpaniji jillimitaw bil-bosta kwalunkwe tfaddil li jista' jsir bil-konsolidazzjoni transkonfinali;

23. Jinnota li t-trattament attwali tat-taxxa fuq dividendi f'xi Stati Membri jiffavorixxi l-ħlas ta' dividendi domestiċi aktar milli dawk ta' l-UE; josserva wkoll li fil-każ ta' dividendi ta' l-UE, taxxa barranija mrażżna tista' tibqa' piż definittiv għall-azzjonisti individwali u għalhekk tikkawża tnaqqis sinifikanti fir-redditu nett mill-investiment barrani ta' l-UE tagħhom;

24. Jemmen li integrazzjoni akbar tas-swieq finanzjarji bl-imnut għandha toħloq għażla ikbar ta' prodotti ta' kwalità aħjar għall-konsumaturi u għandha tagħti l-possibilità lill-kumpaniji sabiex ibiegħu l-prodotti tagħhom bejn il-fruntieri, mingħajr ma ttellef il-kompetizzjoni fis-swieq finanzjarji bl-imnut fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta strateġija ċara u konċiża sabiex tintegra s-swieq finanzjarji bl-imnut;

25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-industrija tas-servizzi finanzjarji sabiex tkompli tiddiskuti l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tas-'26 reġim' għas-servizzi finanzjarji li jistgħu jeħtieġu ċ-ċittadini ta' l-UE li jiċċaqalqu bejn pajjiż u ieħor għall-attivitajiet tagħhom fi Stati Membri oħra, sabiex ikunu jistgħu jużaw fornituri ta' servizz li huma familjari magħhom u hekk ikollhom jiffaċċjaw biss sett ta' regoli sempliċi standard; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, b'mod partikulari, sabiex tiddefinixxi bażi legali, tassigura l-protezzjoni tal-konsumatur f'livell għoli, u tiddefinixxi l-elementi ta' armonizzazzjoni kollha mitluba u sistema ta' sorveljanza xieraq;

26. Jemmen li l-istruttura pluralistika tas-suq bankarju Ewropew, fejn istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jieħdu xejriet legali differenti, skond il-miri differenti tan-negozju tagħhom, hija ta' valur għall-ekonomija Ewropea u ma għandhiex tiġi ddubitata;

***Sistema regolatorja u ta' sorveljanza***

*L-istruttura tas-suq*

27. Jinnota li l-livelli ta' konċentrazzjoni tas-suq f'ċerti Stati Membri jqajmu tħassib dwar l-istruttura tas-suq, il-kondotta u l-imġiba ta' banek Ewropej u ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra;

28. Jitlob li l-konċentrazzjoni tas-swieq u istituzzjonijiet finanzjarji tiġi eżaminata bl-akbar reqqa mill-Kummissjoni u minn awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni b'konformità mat-Trattat KE u mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej;

29. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tassigura li l-leġiżlazzjoni relevanti tiġi implimentata b'mod konsistenti mill-Istati Membri;

30. Jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina l-implikazzjonijiet tal-konsolidazzjoni f'ċentri reġjonali finanzjarji ewlenin fuq il-finanzjament ta' reġjuni żgħar u ta' l-SME's;

*Sorveljanza*

31. Jilqa' l-miżuri ta' l-UE adottati reċentement dwar is-sorveljanza ta' prudenza, b'mod partikolari d-Direttiva dwar Rekwiżiti Kapitali li iġġib 'il quddiem il-prinċipju ta' kontroll fil-patrija u tbiddel konsiderevolment il-qafas kurrenti ta' kontroll, li issa tinkludi dispożizzjonijiet ġodda dwar il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, rekwiżiti dwar l-iżvelar ta' kontroll u setgħat imtejba għall-kontrollur ikkonsolidat rigward il-validazzjoni ta' mudelli tat-tkejjil tar-riskju; jemmen li, fil-leġiżlazzjoni attwali, din il-mossa għandha tkun kumplimentata b'definizzjoni ċara u b'allokazzjoni bilanċjata tal-poteri u tar-responsabbiltajiet bejn ir-regolaturi tal-patrija u dawk tal-pajjiż ospitanti, bla ħsara għall-klawżoli ta' reviżjoni li jinsabu fid-direttiva;

32. Jinnota li t-trasformazzjoni ta' l-istruttura korporattiva ta' xi gruppi finanzjarji ewlenin ta' l-UE li jridu jadottaw il-mudell SE jista' jkollha implikazzjonijiet sinifikanti fuq il-kontrolluri konċernati; jistieden lill-Kummissjoni sabiex timmonitorja s-sitwazzjoni u teżamina jekk hemmx xi implikazzjonijiet tal-mudell SE fuq l-istabbilità prudenzjali u fuq l-istrutturi ta' l-immaniġġjar ta' kriżijiet;

33. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex fil-proposti tagħha tqis id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom xi regolaturi nazzjonali fl-interventi tagħhom fi swieq karatterizzati minn preżenza qawwija ħafna ta' kapital barrani;

34. Jinnota li fi swieq finanzjarji integrati sew, kriżi li toħroġ lil hinn mill-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali ma tistax tiġi ffaċċjata individwalment mill-awtoritajiet nazzjonali; f'dan ir-rigward, jikkunsidra li n-netwerks attwali ta' kontrolluri nazzjonali, l-arranġamenti ta' sorveljanza u noti ta' informazzjoni fuq ftehim li ma jorbtux legalment jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jiffaċċjaw kriżijiet maġġuri kkawżati minn falliment ta' swieq jew gruppi importanti finanzjarji transkonfinali; jikkunsidra li l-koperazzjoni u l-fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza f'eventwalità ta' kriżi huma kruċjali u

jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli sabiex jiżviluppaw flimkien proposti xierqa għall-immaniġġjar ta' kriżi aktar effettiv għal eżami aktar dettaljat mill-Parlament;

35. Iqis li l-awtorità ta' l-UE fin-negozjati internazzjonali, b'mod partikulari rigward is-sorveljanza bankarja, tissaħħaħ jekk jiġu kjarifikati l-funzjonijiet interni tagħha;

36. Jinnota li l-kwistjoni ta' min jagħti self meta jkun falla kull tentattiv ieħor għandha tissolva qabel ma jkun possibbli li jiġu ffukati kwalunkwe diskussjonijiet oħra dwar is-sorveljanza finanzjarja ta' l-UE; f'dan ir-rigward, jenfasizza li hemm bżonn ta' deċiżjoni ċara dwar ir-responsabiltajiet;

37. Jinnota li s-sitema attwali ta' sorveljanza twassal għal rekwiżiti multipli ta' rrappurtar għall-banek u li, għalhekk, huwa importanti li l-istituzzjonijniet kollha ta' sorveljanza li jqarrbu l-istandards lejn xulxin;

38. Jemmen li wasal iż-żmien biex l-istituzzjonijiet ta' l-UE, u b'mod partikulari l-Parlament, jifthu dibattitu dwar l-istruttura ta' superviżjoni tas-swieq finanjarji ta' l-UE; għalhekk, jitlob li jitwaqqaf kumitat ta' "nies għorrief" sabiex jistudjaw - u jirrapurtaw lura qabel l-aħħar ta' l-2006 - dwar l-implikazzjonijiet tal-konsolidazzjoni tas-swieq u ta' istituzzjonijiet finanzjarji, dwar superviżjoni prudenzjali, stabbilità finanzjarja u mmaniġġjar ta' kriżi; f'dan ir-rigward, jitlob lill-kumitat biex jipproponi ideat konkreti dwar is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti multipli ta' rrappurtar u dwar it-titjib ta' l-istrutturi attwali, u li fl-aħħarnett jirrifletti dwar il-bżonnijiet u l-istrutturi tal-kontrolluri finanzjarji Ewropej;

o o
o

39. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni;

# NOTA SPJEGATTIVA

Consolidation in the financial sector is not a new phenomenon; but it has recently developed a new speed and scope following the integration of EU financial markets. At the same time it is not only a European trend but an international one driven by structural changes, technological progress and intensified global competition.

This process can take various forms, from organic growth in the form of foreign branches and subsidiaries to mergers and acquisitions. In the EU, it has been streamlined by deregulation and consistent action by European institutions in the competition field, and it has been pushed forward by the introduction of Euro, clear and well enforced competition rules and financial legislation.

Consolidation occurs at different levels. Europe is witnessing a strong market consolidation. In this respect, the recently adopted package of measures of the Financial Services Action Plan has advanced considerably wholesale market integration. Banks, insurance, and financial institutions, which used to reflect national borders and traditional separation of financial activities (such as banking, insurance and securities and asset management activities), are increasingly becoming universal as to the products and services they supply, and operate on a cross-border basis. With European integration advancing, banks and other financial institutions´ mergers and acquisitions (M&A) are almost a daily phenomenon and have resulted in giant financial groups and conglomerates operating under various European jurisdictions.

Perceptions about consolidation differ. On one hand, it is seen as an important driver enhancing the competitiveness of European economy, forging big financial groups and conglomerates, allowing companies to reach critical mass and realize important synergies, economies of scale and scope and cost efficiencies, and, most importantly, it offers consumers a greater choice and better price for their financial products.

On the other hand, there are also downside risks to consolidation, emanating from a high level of concentration, interdependence and systemic risk that can be due to a failure of major financial institutions and conglomerates operating in several Member States.

Furthermore, it is frequently felt that concentration of market power in the hands of a few major financial institutions and financial centres could deprive regions and SMEs from the most needed access to cheap financing, that robust financial groups will push smaller financial institutions out of the market and that consumers' choice will be limited to standardized products.

**Current situation and perspectives**

Mergers and acquisitions (M&A) are the most frequent market access and growth strategy. Although until now they have occurred mostly at national level, the existence of big cross-border groups and financial conglomerates demonstrates a significant appetite both for cross-sector and cross-border expansion throughout the EU.

Some of the most notable examples of consolidation in the banking sector took place over the last ten years in the new Member States when they experienced an intensive wave of cross-border M&A. As a result of this activity, the current structure of their financial sectors displays both a high level of concentration and foreign ownership.

Developments in some regions[1] may suggest a future intensification of cross-border activities. In the Benelux and Scandinavian regions, market saturation pressed domestic players to expand cross-border and resulted in the creation of some major European financial groups.

## Existing obstacles

Many obstacles[2] hinder cross-border transactions, discourage market players and diminish cross-border synergies and economies of scale and scope and cost efficiencies. In particular:

- **Differences in product mix**: Differences in consumer protection rules, private law and consumer habits across EU countries make selling of the same financial product mix across Member States difficult and require that financial institutions adjust their product mix to Member state's rules, laws and habits. This may diminish economies of scale and scope, economic synergies and cost efficiencies which could have otherwise been achieved in case of relocation and centralization of some of functions of financial institutions. In this respect, advanced integration of retail financial markets, which would allow financial institutions to sell their product mix on a greater market, may stimulate cross-border activity of banks and financial institutions (M&A or cross-border provision of retail products).

- **Implications of the current supervisory framework**: Industry argues that the different supervisory regimes make cross-border M&A less attractive. The lengthy and costly multiple reporting requirements, supervisory approval process and the interaction between host an home supervisors can increase fixed costs of financial institutions because they result in duplication of supervision and multiply the disclosure requirements.

- **Taxation**: Financial institutions operating on cross-border basis have to cope with different tax regimes. VAT treatment of financial services is considered as an important obstacle offsetting possible cost efficiencies due to relocation, centralization and integration of certain functions. Moreover, the inter-group VAT is perceived as important barrier preventing banks and financial institutions to organize themselves efficiently on a cross border basis because most of them have no or only limited right to recover VAT (in other words, a cost of any acquisition of financial business has to be increased by a non recoverable amount of 15-25 %).

- **Unfavourable environment:** (political will, employees´ resistance, protectionist measures)

[1] Commission Staff Working Document SEC(2005) 1398.
[2] Commission Staff Working Document SEC(2005) 1398.

## Future challenges

**Market structure**

The tremendous speed of structural change of the financial system and the rising number of major cross-border groups willing to compete globally accentuates the need to monitor developments in terms of market structure and concentration. In that respect a strict and consistent application of rules on competition policy together with a timely implementation of financial services legislation becomes more important.
Reflections about an adequate framework of regulation, supervision and crisis management, which would allow financial groups and conglomerates willing to operate on pan-European level to attain economic synergies without threatening stability and soundness of the financial system, also have gained a sense of urgency.

**Prudential implications of consolidation**

Recent trends concerning prudential supervision advance the home country control principle. The Capital Requirements Directive introduces the concept of consolidating supervisor. It says that a risk measurement model of a subsidiary located in a host Member State has to be validated on the basis of a mutual agreement between host and home supervisors. However, in the case of absence of a mutual agreement and after a six month period, this decision, which has considerable prudential and systemic implications for the host country financial system, is left to the home supervisor (consolidating supervisor). This move, which has important implications on the conduct of prudential supervision and on supervisory structures in the EU, should be complemented with a balanced and clear division of home/host supervisory responsibilities, in particular when a subsidiary in a host country encounters problems or is hit by a financial crisis. This is of particular importance for small economies.

While advancing financial integration, it is equally important to reflect on major public policy concerns. In particular, a risk of potential systemic crisis, its sources and the issue of the lender of last resort should be considered.

The current level of concentration of markets, financial actors and infrastructures in the EU is high, and so is their interdependence. In this respect, in highly integrated financial markets, a crisis which could easily spread over national jurisdictions, turn into a pan-European financial crisis and ultimately hit the stability of the Euro and European economies, can not be efficiently tackled by national supervisory authorities acting on a solo basis anymore.

The current networks of national authorities of the 25 Member States comprise various supervisory and regulatory bodies with differing powers, responsibilities and level of involvement in crisis management, and the present supervisory arrangements and non-legally binding memoranda of understanding, are not adequate and sufficient to tackle a pan-European crisis caused by a failure of markets or systemically important cross-border financial conglomerates.

In this respect, European legislators should launch in-depth discussions on the appropriate structure of supervision of EU financial markets, clarification of powers and responsibilities between home and host supervisors and adequate crisis management procedures, and not wait

for a major pan-European crisis.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Għal aktar konsolidazzjoni fl-industrija tas-servizzi finanzjarji Ewropej |
| **Numru tal-proċedura** | 2006/2081(INI) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data ta' l-awtorizzazzjoni mħabbra fis-seduta plenarja | ECON<br>6.4.2006 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | |
| **Koperazzjoni aktar mill-qrib**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Joseph Muscat<br>4.7.2005 |
| **Rapporteur(s) preċedenti** | |
| **Eżami fil-kumitat** | 31.1.2006 20.3.2006 19.4.2006 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 25.4.2006 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | + 35<br>- 2<br>0 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Zsolt László Becsey, Pervenche Berès, Pier Luigi Bersani, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Ieke van den Burg, David Casa, Jan Christian Ehler, Elisa Ferreira, Jean-Paul Gauzès, Robert Goebbels, Karsten Friedrich Hoppenstedt, Sophia in 't Veld, Othmar Karas, Wolf Klinz, Christoph Konrad, Guntars Krasts, Kurt Joachim Lauk, Astrid Lulling, Gay Mitchell, Cristobal Montoro Romero, Joseph Muscat, John Purvis, Alexander Radwan, Bernhard Rapkay, Eoin Ryan, Peter Skinner, Margarita Starkevičiūtė, Sahra Wagenknecht, John Whittaker |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jorgo Chatzimarkakis, Harald Ettl, Satu Hassi, Ján Hudacký, Werner Langen, Thomas Mann, Corien Wortmann-Kool |
| **Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Íñigo Méndez de Vigo |
| **Data tat-tressiq** | 8.5.2006 |
| **Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)** | |